MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 222/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fit-3 ta’ Dicembru, 1999, mil-liema zwieg twieled minn il-minuri ta’ sentejn.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha;

U illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta li Jirregola z-Zwigijiet.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata fis-17 ta' Awwissu, 2005 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxiet:

1. Preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni stante li l-attur qieghed isejjes it-talba tieghu fuq premessi kontradittorji u cjoe s-sub-inciz (d) u s-sub-inciz (f) ta' l-Art. 19(1) tal-Kap. 255 u dan anke kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni ta' l-istess attur;

2. Subordinarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talba attrici hi infondata fid-dritt u fil-fatt u ghalhekk ghandha tigi michuda;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits tal-attur, ta' Omissis u omissis l-konvenuta;

Rat l-affidavit tal-konvenuta.

Rat il-verbali tas-seduti tat-2 ta' Dicembru, 2005 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-14 ta' Mejju, 1999 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta ma jopponix ghat-talba attur izda qed jghid li l-annullament huwa imputabbli lill-attur u qed jinvoka l-istess subartikoli; izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin *f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. ... Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhek il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (Anna Tonna vs Alexander Tonna deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta’ xi parti ikun inkiseb b’eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

19 (1) (h) jekk xi wahda mill-partijiet ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg setgaht intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg.

Mill-provi mressqa mill-attur jidher illi l-konvenuta kellha biss hmistax-il sena meta bdiet tinnamra mieghu u hu kellu sbatax-il sena u kien l-uniku namrat li kellha. L-attur jghid li l-konvenuta kienet dejjem tikkontrollah u hassu l-pupazz taghha izda dejjem beza’ jitlaqha ghax hass li kien ihobbha u eventwalment iz-zwieg tfarrak meta l-konvenuta bdiet relazzjoni mar-ragel t’oht l-attur stess. Naturalment dan wahda ma jfissirx li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null izda l-fatt li z-zwieg tfarrak daqshekk malajr jidher li ma kienx mibni fuq bazi soda u ma kienx hemm affjetament mill-bidu. Huwa cert li kieku l-partijiet kienu jafu li z-zwieg ifisser li wiehed ikun kommess ghall-hajtu ma kinux jizzewgu. Il-Qorti ghalhekk thoss li z-zwieg ghandu jkun dikjarat null a bazi ta’ l-Artikolu 19 (1) (d) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa t-talba attur u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fit-3 ta’ Dicembru, 1999. L-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------